# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tallum il-Ġimgħa 4 ta' April, 2025**

**Rikors Ġuramentat Nru: 1245/2024 MH**

**Numru: 3**

**Martin u Isabella konjuġi Bowerman**

**vs**

**Sunia S. Bowerman**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Martin u Isabella konjuġi Bowerman fejn ġie premess bil-ġurament meħud minn Martin Bowerman ġie kkonfermat illi:**

*"1. Illi din hija talba għall-żgumbrament u qed issir a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe` "bil-giljottina";*

*2.Illi r-rikorrenti huma l-proprjetarji ta' garaxx internament indikat bin-numru tnejn u għoxrin 'B' (22B) li jinsab fil-livell t'isfel ta' kumpless ta' garaxxijiet mingħajr numru uffiċjali li jinsab taħt blokk ta'*

*appartamenti mingħajr numru uffiċjali, bl-isem 'Springfield Court' u jinsab ġewwa Triq il-Qawra, kantuniera ma' Triq l-Iskuna, il-Qawra, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, kopja tal-kuntratt ta' akkwist relattiv hawn anness u mmarkat* ***Dok. A****;*

*3.Illi l-intimata kienet f'relazzjoni ta' żwieg mat-tifel tar-rikorrenti u ċioe' Luke Bowerman, u llum hemm għaddejjin proċeduri ta' separazzjoni personali bejn l-intimata u Luke Bowerman;*

*4.Illi abbażi ta' din ir-relazzjoni, ir-rikorrenti kienu ħallew, gratwitament, lit-tifel tagħhom jagħmel użu mill-garaxx imsemmi qabel iż-żwieġ. Madanakollu, wara li bdew il-proċeduri ta' separazzjoni personali, kif imsemmi hawn fuq, it-tifel ma baqax juża l-garaxx imsemmi iżda l-intimata saqsiet lir-rikorrenti sabiex tagħmel użu mill-garaxx għal perjodu ta' ftit xhur, iżda meta ir-rikorrenti mar biex jiftaħ l-istess garaxx dan intebaħ li bidlet is-seratura u baqgħet tagħmel użu mill-garaxx hi, waħidha, mingħajr permess;*

*5.Illi wara li r-rikorrenti saru jafu li l-intimata baqgħet tuża l-garaxx in kwistjoni talbu lill-intimata biex toħroġ bil-kwiet mill-istess garaxx. L-intimata dejjem injurat messaġġi mingħand ir-rikorrenti sabiex tirritorna l-propjetà lura lill-propjetarji. Issir referenza għall-messaġġ li ntbagħat mir-rikorrenti fit-8 ta' Ottubru 2024, kopja tiegħu hawn annessa u mmarkata* ***Dok. B****, fejn taw lill-intimata ġimgħa ċans biex toħroġ mill-imsemmi garaxx;*

*6.Illi barra minn hekk, l-intimata ġiet ukoll interpellata sabiex tiżgombra mill-imsemmi garaxx u dana permezz ta' Ittra Legali datata 17 ta' Ottubru 2024, kopja tagħha hawn annessa u mmarkata* ***Dok. Ċ****;*

*7.Illi nonostante t-tentattivi premessi, l-intimata baqgħet tokkupa tali garaxx illegalment, mingħajr ebda titolu validu skont il-Liġi;*

*8.Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha fil-liġi ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li l-intimata m'għandiex titolu validu fuq il-garaxx deskritt hawn fuq u fil-fehma tar-*

*rikorrenti, l-intimata ma għandha l-ebda eċċezzjoni x'tissoleva kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi skond it-talba, bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artiklu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lill-intimata biex tivvaka l-garaxx minnha okkupat illegalment, fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa dina l-Onorabbli Qorti u ċioe' il-garaxx internament indikat bin-numru tnejn u għoxrin 'B' (22B) li jinsab fil-livell t'isfel ta' kumpless ta' garaxxijiet mingħajr numru uffiċjali li jinsab taħt blokk ta' appartamenti wkoll mingħajr numru uffiċjali, bl-isem 'Springfield Court' u jinsab ġewwa Triq il-Qawra, kantuniera ma' Triq l-Iskuna, il-Qawra, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra interpellatorja u bl-imgħax legali kontra l-intimata inġunta għas-subizzjoni.".*

Rat li l-konvenuta intimata ġiet debitament notifikata bl-atti u dan kif jidher mill-*folder* relattiv.[1]

Rat li l-istess baqgħet kontumaċja, la dehret għall-ewwel smiegħ u lanqas ma kkontestat l-proċedura bil-giljottina u dan ai terminu ta' l-artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Folio 13.

Semgħet lill-abbli avukat tal-atturi.

Ikkunsidrat.

Illi mill-eżami tal-atti l-Qorti tara li mhux biss huma sodisfatti l-elementi tal-giljottina iżda wkoll mid-dokumenti eżebiti mar-rikors ġuramentat jirriżulta li t-talbiet huma kollha sodisfatti.

**Konsegwentement il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba biex tmexxi u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa mis-smigħ a tenur tal-Artiklu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **Tordna lill-intimata/konvenuta Sunia S. Bowerman biex tivvaka immedjatament <u>fi żmien perentorju ta' Ġimgħa millum</u> l-garaxx minnha okkupat illegalment, ċioe' il-garaxx internament indikat bin-numru tnejn u għoxrin 'B' (22B) li jinsab fil-livell t'isfel ta' kumpless ta' garaxxijiet mingħajr numru uffiċjali li jinsab taħt blokk ta' appartamenti wkoll mingħajr numru uffiċjali, bl-isem 'Springfield**

**Court' u jinsab ġewwa Triq il-Qawra, kantuniera ma' Triq l-Iskuna, il-Qawra, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar.**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza inkluż dawk tal-ittra interpellatorja a karigu tal-konvenuta intimata.**

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**